# IS-SWAR TA' BORMLA
# IS-SWAR TA' COTONER

*Kitba ta' John Vella AMinstCM,HDipCTC,DSS*

Wara l-waqgħa ta' Kreta l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann kellha biżgħa li l-flotta Torka ma ddumx ma taħbat għall-gżejjer Maltin. Il-Gran Mastru Nikola Cotoner, ra li l-Ordni ma setgħetx isserraħ rasha bil-fortifikazzjonijiet li kellna. Kull ma kienu lesti kienu s-swar li jagħlqu lill-Birgu u s-swar li jdawru l-Isla. Is-Swar ta' Santa Margerita li kienu nbdew fl-1638 u li kienu maħsuba sabiex jagħlqu lill-parti l-mibnija ta' Bormla u x-xatt, ma tkomplewx hekk li kollox kien għadu miftuħ beraħ għal kull attakk ta' l-għadu.[1]



Granmastru Cotoner

## VALPERGA

Il-Gran Mastru kien ġab lill-Inġinier Taljan Antonio Maurizio Valperga sabiex jara d-difiża tal-gżejjer u jagħti l-proposti tiegħu. Il-parir ta' Valperga kien li jsir nofs ċirku ta' swar bi tmien bastjuni u li jħaddan fih b'mod speċjali żewġ għoljiet mill-ħamsa ta' Bormla. Dawn kellhom ikunu l-għolja Ta' Pażan u l-għolja ta' Santa Margerita kollha, billi dawn kienu ta' l-akbar theddida f'każ ta' attakk fuq is-swar tal-Birgu u d-daħla ta' Port ix-Xwieni li fiha l-Ordni kienet iżżomm ix-xwieni tagħha. It-truf ta' dan in-nofs ċirku ta' swar kellhom imbagħad jaslu sas-swar li jagħlqu lill-Birgu u l-Isla, jiġifieri sal-foss fejn illum hemm il-Fortini u taħt l-arloġġ tat-tarzna rispettivament. B'hekk biċċa akbar minn Bormla sabet ruħha magħluqa bejn żewġ linji ta' swar, filwaqt li parti mill-għolja Ta' Pażan, Ta' Ġerman u l-għolja kollha Ta' Kordin baqgħu barra. Għal Kordin inħaseb ukoll sur baxx li jibqa' sejjer sa fuq Ras Ħanżir biex dan il-punt kien propju l-marka li kienet tifred lil Bormla mill-Marsa. Sur ieħor jixbhu kellu jagħlaq l-għolja ta' Bighi, minn taħt is-Salvatur, sas-swar tal-fortizza proposta Ricasoli li kienu jħarsu għal fuq Wied Għammieq. Dawn qatt ma saru.

It-teżor ta' l-Ordni għal dan il-proġett kien lest joffri 8,000 skud fix-xahar, li minnhom 100 kellu joħroġhom minn butu l-Gran Mastru stess. Għal dan il-għan kien twaqqaf ukoll fond imsejjaħ Fond ta' Cotoner, biex fih imorru flus miġbura mill-bejgħ ta' l-injam mill-artijiet u l-propjetà li kellha l-Ordni fi Franza (tliet mitt elf skud). Ma' dawn kellhom ukoll jinġabru mal-mitt elf skud mit-taxxi.

## L-EWWEL ĠEBLA

Fit-2 ta' April 1670, il-Kunsill ta' l-Ordni approva dan il-pjan. Għalhekk nhar it-28 ta' Awissu 1670, mill-Knisja Parrokkjali ta' Bormla ħarġet purċissjoni b'pompa li ma bħalHa, u mxiet lejn in-naħa tan-nofsinhar ta' l-għolja Tal-Ġonna, fil-post magħruf illum bħala San Nikola, biex hemm tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' dawn is-swar mill-Gran Mastru Nikola Cotoner innifsu. Sa l-1680, il-parti l-kbira tal-pedamenti kienu

tlestew. Ix-xogħol tmexxa taħt is-superviżjoni tal-perit Federico Blondel.

Il-pjanti u l-pariri ta' Valperga li kienu ta' stil Olandiż, m'għandniex xi ngħidu, qanqlu ħafna kritika fost periti oħra li kienu jippretendu li għandhom ikunu huma li jħejju għad-difiża ta' l-Ordni. Uħud saħqu li dawn kienu ambizzjonijiet esaġerati u kienu se jiswew bosta flus. Perit Milaniż, Gaspare Beretta, ried li l-bastjuni u l-kortini jikbru u flok tmien bastjuni jkun hemm sitta. Il-Konti Vernada min-naħa l-oħra, filwaqt li qabel mal-pjanta ta' Valperga, ried li t-tmien bastjuni f'forma ta' nofs ċirku jibdew mill-bajja ta' Għajn Dwieli, bejn Ta' Ġerman u Ta' Kordin, u jibqgħu sejrin sa fuq il-blat ta' Wied Għammieq. Ma' dan ried li Kordin ikun ukoll fortifikat. Li kien ġara, sadattant, kien li xi periti ħasbu biex it-tlett iswar li kienu lesti mis-Swar ta' Santa Margerita kienu se jingħalqu f'fortizza għaliha, imma l-parir ta' de Tigne aktar tard kien li dawn jitkomplew kif kien ippjanat fl-1638. Billi Valperga telaq minn Malta f'Ottubru ta' l-1670, l-Ordni kompliet ix-xogħol bil-periti Blondel u Grunenburgh. Valperga, għalkemm 'il bogħod minn Malta, baqa' jinteressa ruħu sewwa fil-ħidma li kien ħalla f'dawn il-gżejjer. Fl-1680 hu bagħat iħeġġeġ lill-Ordni, li issa kellha t-tmexxija tal-Gran Mastru Gregorio Carafa, sabiex tkompli bil-bini tal-fortifikazzjonijiet u saħansitra saħaq bil-ħtieġa li jsiru r-ravelini.



Is-swar ta' Bormla

## IL-FLUS U D-DIFIŻA

Sa l-1681 ix-xogħol tkompla fuq il-pjanta ta' Valperga u waqt li ż-żewġ periti kienu jaraw ix-xogħol tiela' kkonvinċew ruħhom kemm Valperga kellu raġun fid-disinn li ressaq. Ma' dan iżda, Grunenburgh żied xi swar baxxi sabiex isaħħaħ id-difiża min-naħa tas-swar ta' San Alwiġi u dak ta' San Ġwann. Kien inbeda wkoll ix-xogħol fuq it-tħaffir tal-foss u l-mezzalune, imma dawn ta' l-aħħar qatt ma tlestew.

Minħabba li l-fondi ta' l-Ordni kienu xxuttaw il-Gran Mastru Carafa ordna li l-bini tas-swar jieqaf biex b'hekk lanqas ir-ravelini ma nbnew.

Kellhom jgħaddu mal-ħamsa u għoxrin sena biex tkompla x-xogħol. Sa l-1715, is-swar tal-Cotoner kienu swew lill-Ordni mal-miljun u nofs skud. Minkejja li ż-żmien kien dejjem għaddej u s-sitwazzjoni fil-Mediterran kienet għadha ta' periklu għall-Ordni, l-inġinier De Tigne, ta l-parir li, filwaqt li s-swar tal-Cotoner kellhom jintelqu għal ftit taż-żmien, żgur li ma kellu jinħela l-ebda ħin biex is-Sur tas-Salvatur ikun imsaħħaħ u mibdul f'fortizza maqtugħa għaliha. Tajjeb ngħidu li De Tigne kellu f'moħħu wkoll li l-ewwel itemm ix-xogħol fuq il-Forti Ricasoli u l-linji tal-Floriana. Ma' dan ma qabilx il-Gran Prijur ta' l-ilsien Franċiż, Philippe de Vendome, u l-perit Philippe Maigret. Dawn saħqu li hekk kif jitlestew il-fortifikazzjonijiet tal-Floriana, immedjatament kellhom jitlestew il-fortifikazzjonijiet ta' Cotoner u warajhom dawk ta' Santa Margerita, biex b'hekk l-abitanti jkunu moħħhom mistrieħ f'każ ta' nvażjoni.

L-ispazju ta' ġewwa s-swar ta' Cotoner kien maħsub biex ikun kapaċi jħaddan fih mal-40,000 ruħ f'każ ta' invażjoni u jipprovdi wkoll għat-tkabbir tal-ħxejjex. De Tigne għalhekk ħareġ bi stima ta' 128,000 skud biex ikun jista' jtemm dawn iż-żewġ linji ta' swar mifruxa kollha kemm huma fuq l-għoljiet ta' Bormla.

L-ewwel ma sar kien li, fuq parir ta' De Tigne, il-Fortizza San Salvatur tkompliet u sa l-1724, taħt is-superviżjoni ta' Mondion, tlestiet. Il-kitba li tidher fuq il-Bieb, ta' żmien il Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena, tgħid li din il-Fortizza San Salvatur, mibnija fuq post għoli barra l-Birgu[2] u li tifforma parti mis-Swar ta' Cotoner, kellha taqdi dmirha bħala Forti, f'każ li l-kumplament tas-swar ta' Cotoner jintgħelbu. B'hekk din kienet iżżomm lill-għadu 'l bogħod u ma jkunx possibbli li jintlaħqu wkoll is-swar tal-Birgu. Ta' min jgħid li biex wieħed jidħol fil-Birgu wara li jgħaddi l-Forti Salvatur ried l-ewwel jimxi minn mogħdija ta' xi 200 metru tul, jaqsam pont ta' l-injam u mbagħad jidħol il-Birgu mill-bieb żgħir li jinsab taħt is-Sur ta' San Ġakbu.

Is-swar ta' Cotoner sabiex ikunu difiżi sewwa ried ikollhom għassa ta' 5,000 ruħ.

## ŻVILUPP U TELF

Is-swar ta' Cotoner sarulhom ukoll numru ta' bibien sbieħ li huma Tas-Salvatur, Ta' San Alwiġi, Ta' San Ġakbu, Ta' Notre Dame (magħruf ukoll bħala Bieb is-Sultan), Ta' San Nikola (magħruf bħala l-Bieb taż-Żejtun), Ta' San Ġwann u Ta' San Pawl. Ma' dawn il-bibien fis-swar ta' Cotoner hemm ukoll bieb żgħir magħruf bħala l-Ulysees Gate, li jinsab fil-mogħdija tal-wied li jiġi minn bejn Ħal Tarxien u ż-Żejtun lejn il-bajja ta' Port ix-Xwieni. Fi żmien l-Ingliżi, fl-1854 żdiedet il-fortizza ta' San Klement u ż-żewġt iswar li jgħaqqdu għal mas-swar ta' Santa Margerita, fejn sena qabel saret il-fortizza Verdala. Il-bieb sabiħ ta' San Pawl, li kien fejn illum hemm it-triq ta' bejn il-mina ta' Għajn Dwieli u Triq San Franġisk, b'xorti ħażina twaqqa' u tneħħa flimkien mal-bqija tal-Kortina u s-Sur ta' Valperga, biex tkabbret it-tarzna fil-bidu tas-Seklu Għoxrin. Minkejja xi ħsara li saritilhom tul it-Tieni Gwerra Dinjija, l-akbar ħsara li sofrew is-swar, wara li saret biex saru l-baċiri, saret meta bdew jiċċartu s-swar, l-aktar bi skuża għat-twessiegħ ta' toroq għat-traffiku.



Bieb is-Sultan int hu sejjer lejn Ħaż-Żabbar

## BORMLA QABEL U WARA

Mela f'Bormla, li l-ħames għoljiet tagħha jifirxu mix-xatt tal-Kalkara sa Ras Ħanżir, ġew fil-parti l-kbira tagħhom ukoll fortifikati. Bormla li kienet raħal kbir ta' sajjieda, kummerċjanti u baħħara, imdawra ma' bajjiet ferm attivi u abitati sa minn żmenijiet preistoriċi, issa ma setgħetx tħares aktar 'il barra lejn il-medda ta' l-għelieqi li kienu jdawruha, jekk kemm-il darba ma toħroġx 'il barra mis-swar jew titla' fuqhom. Bormla issa kellha tliet karatteristiċi li għadhom magħna sal-lum u li ma kinux jeżistu qabel il-bini tas-swar.

Fil-qalba ta' madwar il-bajja ta' Port ix-Xwieni kellek dik li nistgħu nsejħulha Bormla ġewwinija, mimlija daqs bajda bid-djar, u mdawra bis-swar ta' Santa Margerita. Fl-ispazju ta' bejn iż-żewġ linji ta' swar kellek lil Bormla ta' bejn is-swar li fiha kienet tiġbor lill-Kappella ta' San Ġwann t'Għuxa bil-palazz tagħha, xi mħażen, il-polverista u xi rziezet jew kmamar ta' l-għelieqi. U barra s-swar tal-Cotoner kellek lil Bormla ta' barra, li kellha xi abitazzjonijiet u mħażen taħt Kordin u 'l hawn u 'l hinn fl-għelieqi, u fost kollox il-fdal ta' tempji preistoriċi.



Bormla mill-ajru

## ILLUM

Illum aħna lkoll għandna nieħdu ħsieb ta' dawn il-fortifikazzjonijiet. Dawn is-swar li Bormla għandha biex tiftaħar bihom, mhux biss quddiem Malta, imma quddiem id-dinja, huma ewlenin. Dawn mhux biss huma wirt nazzjonali imma wirt dinji li għandhom bżonn tindif u restawr mill-aktar fis possibbli.

**REFERENZI**

[1] Għal aktar tagħrif ara l-artiklu tiegħi li deher fil-ħarġa tal-Festa 1996, li kien jittratta dwar is-swar ta' Santa Margeria.

[2] Din il-għolja, magħrufa wkoll bħala Ta' Pażan, tibda mill-wied li fih illum hemm il-knisja parrokkjali tal-Kalkara u titla' sa fejn jinsab il-Kulleġġ tas-St Edward's, li tinkorpora fiha l-art magħrufa bħala l-Ħawli, u tinżel fuq in-naħa l-oħra bil-wied li jiżbokka minn taħt il-ground ta' Kulleġġ De La Salle u jiftaħ fix-Xewkija, fejn illum hemm il-pitch tal-Boċċi tal-Kalkara u l-iskal tad-dgħajjes.

Nota: Riferenzi oħra fl-artiklu huma meħuda mill-ktieb Fortresses of the Cross ta' S.C. Spiteri.


**MELVIN**

photo studio

Flash Photography and
Professional Super VHS Video Mixing

Main Gate Street, Vittoriosa
Mobile: 097 5136 Tel: 664433